**14 ta' Lulju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Lawrence *sive* Roxanne Cassar

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru *et*

## *Privacy* - Privatezza - Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem - Transesswali - Att tat-Twelid - Reġistru Pubbliku

*Ir-rikorrenti kienet transesswali u kienet qegħda titlob li l-att tat-twelid tagħha jinbidel biex jirrifletti l-kundizzjoni preżenti tagħha. Hija allegat li bin-nuqqas ta' bdil taċ-ċertifikat hija kienet qegħda ssofri leżjoni fid-dritt fundamentali tagħha għall-*privacy *u għalhekk talbet rimedju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrenti billi sabet li l-posizzjoni tal-liġi Maltija kienet tilledi d-dritt għall-*privatezza *tagħha u ordnat li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti.*

*L-att tat-twelid skond il-liġi Maltija jirrifletti l-posizzjoni ta' l-individwu fid-data tat-twelid tiegħu. Jekk dak l-att ikun korrett allura ma jiġux permessi emendi għalih. Il-fatt li tali emendi ma jiġux permessi ma jista qatt iwassal għall-konklużjoni li l-privatezza ta' l-indivdwu konċernat qegħda tiġi vjolata jew menomata. Iċ-ċertifikat huwa biss riflessjoni storika tal-fatti kif kienu fil-mument tat-twelid tat-tarbija.*

*Il-Qorti kkummentat hekk: "fis-sentenza appellata din il-kwalita' tal-problema - l-interess ġenerali u l-interess tar-rikorrenti - ma ġietx verament investita. U għal din il-Qorti din hija verament l-unika diffikulta' fil-kwistjoni kollha, għaliex altrimenti, kieku mhux għal dan l-interess komunitarju, l-Istat ma kienx ikun b'ebda mod intitolat li jindaħal fi kwistjoni bħal din. Il-kontrolli statali, li dejjem qegħdin iżidu imposizzjonijiet għall-identifikazzjoni taċ-ċittadin, bħal per eżempju l-Att dwar il-Karti ta' Identita' ta' l-1976 - Kap. 258 - inevitabbilment dejjem qegħdin iċekknu l-arja tal-privat ta' l-*

*individwu. Dawn huma kollha bażati fuq il-klassifika dualistika ta' l-eżistenza umana bażata fuq is-sess - maskili/femminili. Hija din ir-realta' li toħloq ċerti problemi meta l-istess realta' tinbidel u tispiċċa dik l-istatiċita' li hija preżunta fil-maġġoranza kbira taċ-ċittadini debitament skedati".*

Il-Qorti:-

L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Marzu, 1995 ippronunzjat is-sentenza f'din il-kawża promossa b'rikors ta' Lawrence sive Roxanne Cassar fejn ġie sottomess illi r-rikorrent:

".... issottomettiet ruħha għall-operazzjoni kirurġika magħrufa bħala *gender reassignment* u assumiet is-sess femminili ....";

Ir-rikorrent, meta twieldet fl-24 ta' April, 1968 kienet ġiet mogħtija l-isem ta' Lawrence u reġistrata li tappartjeni għas-sess maskili;

Wara l-operazzjoni msemmija, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Notarili biex isiru l-korrezzjonijiet opportuni fiċ-Ċertifikat tat-twelid, iżda t-talba ġiet miċħuda;

Dan ir-rifjut, skond ir-rikorrenti, irriżulta li effettivament joħloq vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif ipotizzati u protetti fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

L-intimati kontra dan, objettaw illi:

(a) l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili la jmur kontra l-artikolu

8 tal-Konvenzjoni u lanqas kontra l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni għaliex l-Ewwel Skeda ta' l-istess Kostituzzjoni teskludih mill-kontroll kostituzzjonali tal-artikolu 46;

(b) l-artikolu 38 imsemmi ma jagħtix protezzjoni ta' xi dritt għall-privatezza;

(ċ) ir-rikorrenti setgħet ittantat kawża skond l-artikolu 253 *(1) u (4) u għalhekk kellha mezz ordinarju ta' rimedju* - *li ma* adoperatx qabel ma għaddiet għar-rikors preżenti;

Il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza ta' l-ewwel grad, huma dawn:

"Illi r-rikorrenti fid-deposizzjoni tagħha spjegat illi sa minn mindu kien għadu bħala tifel żgħir dejjem kienet taġixxi aktar bħala tifla milli bħal tifel; dan l-atteġġjament insolitu tiegħu ġie notat ukoll mill-ġenituri; meta xehdet quddiem il-perit psikjatra hija spjegat li bdiet tħoss l-ewwel tqanqil biex tbiddel is-sess tagħha minn dak ta' tifel għal wieħed ta' tifla meta kellha biss madwar seba' (7) snin; hija kienet tilgħab bil-pupi, tlibbishom u kienet tħossha ferm aktar komoda fil-kumpannija ta' bniet;

Illi din is-sitwazzjoni tkompliet sakemm spiċċat l-iskola, u meta kellha madwar 16-il sena hija bdiet ukoll tilbes bħal xebba u kien ikollha xewqat għal relazzjoni ta' tifel waqt li qatt ma kellha xewqat indirizzati lejn xi tifla; hija kellha l-ewwel relazzjoni sesswali tagħha meta kellha dsatax-il sena, u din kienet ma' ġuvni. Hija baqgħet bl-istess ġibdiet u sentimenti ta' tfulitha sakemm kellha tmintax-il sena meta taħt il-kura tat-tabib Herman Farrugia, bdiet trattament ormonali u damet tieħu l-pilolli opportuni għal tlett snin;

wara dan il-perijodu hija ġiet riferita għal kirurgu l-Ingilterra fejn ġiet operata b'mod li wara li nqatgħu it-testikoli, minn parti mill-organu maskili ġie furmat l-organu femminili; bħala riżultat l-organu sesswali li hija spiċċat bih kien jixbah ħafna lil dak ta' mara u ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak ta' raġel;

Illi oltre dan il-kambjament fl-organu sesswali, r-rikorrenti jidher, għal min ikun qiegħed iħares lejha illi huwa mhux raġel imma mara; dan il-fatt ġie ukoll faċilment u kjarament kostatat mill-istess Qorti f'diversi udjenzi tal-każ; għalhekk ma hemmx dubbju illi kien hemm diskrepanza bejn dak li jidher ċjoe' hu ovvju għal kull min iħares lejn ir-rikorrenti (ċjoe' illi hija għandha sura ta' mara), ma' dak li fil-fatt ġie rikonoxxut mill-istat ċjoe' illi r-rikorrent huwa raġel. Fid-deposizzjoni tagħha quddiem il-Qorti r-rikorrenti spjegat illi hija lanqas riedet tirtira l-*Identity Card* tagħha mingħand l-Awtoritajiet u dan biex tevita l-imbarazz relattiv; tant illi meta xehed l-Ispettur Carmelo Mifsud qal li dan id-dokument ma kienx ġie irtirat mir-rikorrenti, u illi "skond ir-ritratt l-istess *Identity Card* dan hu ta' persuna ta' sess femminili għalkemm l-isem indikat huwa Lawrence";

Illi r-rikorrenti kkonfermat illi din id-diskrepanza kienet qed tikkaġunalha frustrazzjoni u ħafna diffikultajiet u anke meta tkun sejra ssiefer kien ikollha toqgħod taħli ħafna żmien tispjega l-posizzjoni tagħha minħabba d-differenza bejn *dak li kienet tidher* u ċjoe' li hi mara, u d-dettalji fil-passport li jindikaw li kienet ta' sess maskili;

Illi l-Qorti ikkonstat diversi problemi oħra li r-rikorrenti kienet tiltaqa' magħhom bħal meta tmur f'xi Bank u għal bosta operazzjonijiet ikollha tippreżenta l-*Identity Card* bil-konsegwenza

illi l-impjegati u possibbilment anke l-klijenti l-oħra preżenti kienu ċertament jidħku bis-sitwazzjoni; anqas kienet tmur tirreġistra għax-xogħol peress li kienet spiċċat li jibgħatuha minn kamra għall-oħra u jkollha tindika il-predikamenti tagħha lill-impjegati, u ċertament, il-ħafna nies preżenti f'postijiet simili jindunaw b'dak li kien qed jiġri, meta kien ikollha toqgħod tgħidilhom illi għalkemm hija tidher fl-apparenza bħala mara hija kienet uffiċjalment reġistrata bħala raġel;

Illi bħala konferma ta' dawn id-diffikultajiet ir-rikorrenti ressqet ukoll persuna bl-isem Joseph *sive* Tracy Ellul li jinsab fl-istess sitwazzjoni u huwa spjega kif "jiena u ġej lura Malta wara l-operazzjoni li semmejt f'Marzu, is-*security* Ingliżi żammewni peress li l-passaport tiegħi kien jindika sess maskil u kelli mmur għand ta' l-AirMalta biex noqgħod nagħmel ħafna spjegazzjonijiet" żiedet tgħid ukoll "issa li waslet l-elezzjoni jien nħossni f'sitwazzjoni mbarazzanti u naħseb li mhiniex sejra nivvota għaliex meta mmur irrid ngħaddi mill-istess problema, ngħidilhom li jiena raġel u meta jħarsu *lejja jindunaw li jiena mara*";

Illi għalhekk ir-rikorrenti ppruvat b'mod sodisfaċenti t-teżi tagħha illi sakemm hija tibqa' reġistrata bħala raġel kienet qiegħda tiltaqa' ma' diffikultajiet tali illi ċertament jistgħu jiġu definiti bħala krudili u anke umiljanti;

Illi rriżulta li r-rikorrenti kienet ippruvat permezz ta' rikors quddiem il-Qorti ta' reviżjoni ta' l-Atti Notarili, biex issir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha imma dan ir-rikors ġie ġustament rifjutat mill-istesss Qorti "peress li mhux kompitu ta' din il-Qorti li *tbiddel status ta' persuna minn raġel għal mara*";

Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrenti li s-sitwazzjoni legali viġenti ma tippermettilhiex tottjeni dak li tixtieq b'mod ieħor u għalhekk kienet iġġustifikata illi tintavola r-rikors odjern; skond is-sistema ta' pajjiżna ta' reġistrazzjoni ta' l-atti ċivili, ċ-Ċertifikat tat-Twelid jista' jissejjah dokument storiku, fis-sens illi jindika dak li jkun ġara proprju fil-ġurnata tat-twelid, u ma hemm ebda indikazzjoni illi tispjega dak li jkun ġara wara;

Illi d-disposizzjonijiet viġenti li jippermettu bdil f'dan iċ-ċertifikat ma jkunx verament jirrifletti dak li jkun "storikament" ġara f'dik il-ġurnata; anke dina l-Qorti kellha okkażjonijiet fejn awtorizzat it-tibdil f'Ċertifikat tat-Twelid li kien jindika li twieldet tarbija tas-sess maskil meta fil-fatt ikunu nġiebu quddiemha provi suffiċjenti illi ma kienx hemm dubbju li t-tarbija li kienet twieldet kienet tas-sess femminil u illi d-diskrepanza ġrat biss minħabba żball ta' min ikun kiteb jew ta l-informazzjoni għall-istess ċertifikat;

Illi fil-każ tar-rikorrent odjern, is-sitwazzjoni kienet għal kollox differenti fis-sens illi ma ġie bl-ebda mod pruvat u anqas allegat illi meta r-rikorrenti twieldet ma kellhiex l-karatteristiċi kollha biex tiġi ġustament indikata bħala tarbija tas-sess maskili. Ġara pero' illi skond ma jidher ukoll mir-relazzjoni tal-perit psikjatra "miċ-ċokon uriet il-konvinzjoni illi tiġi konsiderata u aċċettata soċjalment bħala waħda tas-sess oppost";

Illi mir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tifhem illi din il-konvinzjoni daħlet fil-moħħ u fil-ħajja tar-rikorrenti mhux minħabba xi tort jew xi deċiżjoni tagħha imma sempliċiment kienet ir-riżultat ta' l-iżvilupp normali tal-persuna u tal-personalita' tagħha; bl-ebda mod ma jista' jingħad illi hija ħadet din il-linja kapriċċożament, liema linja kkaġunatilha bosta problemi u wasslitha saħansitra biex

tagħmel operazzjoni illi rriżulta li oltre l-ispejjeż li nvolviet kienet ukoll ta' tbatija fiżika kbira; kieku pass bħal dan ir-rikorrenti ħaditu kapriċċożament jew minħabba xi skop ulterjuri, l-Qorti kienet tħares lejn il-każ b'mod altru għal kollox differenti;

Illi, anke għal fini ta' l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ewropeja fil-każi li ser jiġu kunsidrati 'l quddiem f'din is-sentenza, jiġi ritenut li għalkemm il-*gender rearrangement surgery* saret għax riditha r-rikorrenti, dana kien riżultat ta' sentimenti u pressjonijiet li kellha sa minn tfulitha meta anqas biss kienet qed tifhem dawn is-sentimenti. Il-perit psikjatra jirreferi għall-"bżonn kbir" tar-rikorrenti biex tissottometti ruħha għall-*gender rearrangement surgery*;

Illi skond l-ittra tal-kirurgu li opera fuq ir-rikorrenti, wara li spjega l-intervent tiegħu żied jgħid "*this surgery, is of course, quite irreversible and the patient is now physically female*";

Illi fi kliem il-Perit ġinekologu, l-Professur Mark Brincat, ir-rikorrenti "*is phenotypically a female and although she naturally cannot bear children, she is able to achieve full sexual activity compatible with being a female. She has the external genitalia and vagina of a female and is able to have sexual intercourse with a man*";

Huwa issottometta wkoll illi:

"*In my opinion she should be considered as a female*";

Illi oltre dawn il-kostatazzjonijiet mediċi, l-Qorti eżaminat ukoll ir-relazzjoni psikjatrika tal-Ispeċjalista Dottor Joe Pullicino li

ddikjara li anke qabel ma' r-rikorrenti bdiet il-kura ta' l-ormoni u anke qabel ma' għamlet l-operazzjoni msemmija, kien hemm indikazzjonijiet tajba favur li jsiru dawn il-kambjamenti. Wara li kkonsidra il-kriterji li jiddeterminaw is-sess ta' persuna u ċjoe` dak tal-kromosomi, u tal-gonadi kif ukoll dak ta' l-apparenza periferа wkoll l-aspett psikoloġiku tal-problema. Dan ċertament għandu jingħata valur qawwi fid-determinazzjoni ta' talba bħal dik tar-rikorrenti; hu iżid jgħid: "minn ċkunitha uriet ix-xewqa li tiġi *identifikatha u aċċettatha soċjalment mas-sess oppost għal dak li* twieldet bih, u hi minn jedda acċċettat li tagħmel operazzjoni serja, b'effetti irriversibbli u bi spejjeż kbar, biex tissodisfa l-bżonn kbir illi tbiddel is-sess li kienet twieldet bih - u sal-lum ma tħoss ebda ripentiment għal dak li għamlet";

Illi jirriżulta wkoll, li għalkemm ir-rikorrenti kienet tidher li baqgħet mentalment stabbli fid-dawl ta' dawk id-diffikultajiet u frustrazzjonijiet li ltaqgħet magħhom, dawn pero`, jekk ikomplu, biż-żmien kienu ser jikkaġunaw dannu serju għas-saħħa mentali tar-rikorrenti;

Kien għalhekk li huwa ssuġerixxa illi "ikun ta' ġid għas-saħħa mentali tar-rikorrenti, jekk jinstab mezz legali li bih jiġi assenjat lilha *status* li hu konformi mal-kostituzzjoni preżenti tagħha, kemm dik fiżika kif ukoll dik psikoloġika";

Illi problemi bħal dawk li tinsab rinfaċċata bihom ir-rikorrenti m'humiex xi ħaġa ġdida; l-Qorti ma tistax ma tagħmilx riferenza għall-estratt riprodott mill-abbli relatur dwar deċiżjoni meħuda mill-Gran Corte ta' Malta tas-sena 1774 rigward il-każ ta' xebba Rosa Mifsud minn Ħal Luqa li għalkemm kienet ġiet imgħammda bħal *tifla, żviluppat fiżiku li kien jixbah aktar lil dak ta'* raġel minn dak

ta' tfajla; f'dan il-każ ta' aktar minn mitejn sena ilu, l-Qorti ta' Pajjiżna, wara eżami esegwit mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern li kien ġie maħtur għal dan l-iskop, irriżultalha li l-organu ġenitali ta' dik il-persuna kien jixbah aktar lil wieħed ta' raġel, u għalhekk b'deċiżjoni tal-istess Qorti kienet ġiet ordnata tilbes bħala ġuvni u mhux iżjed bħala xebba;

Illi għalhekk f'sekoli mgħoddija kien hemm ukoll individwi li jsofru problemi bħal dawn, iżda l-injoranza u l-preġudzzzju kienu jindikaw biss it-teżi tal-ħabi u ta' l-oskurita`. Kif ġustament rilevat, illum ix-xjenza għamlet passi 'l quddiem fir-rigward, u l-preġudizzju beda jittaffa taħt l-influwenza ta' l-edukazzjoni u ta' l-iżvilupp ta' soċjeta` li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Drittijiet fundamentali simili, għalkemm eżistew minn dejjem sabu biss fi żminijiet pjuttost riċenti l-mod kif dawn jiġu tassew imħarsa;

Illi fil-kamp li jirrigwarda il-każi ta' transesswalita` kien hemm kambjamenti kbar fil-konsiderazzjoni tal-problema, tant li l-aħħar kawża u forsi l-aktar sinifikattiva għal każ odjern ġiet deċiża mill-Qorti Ewropeja proprju fil-mori tal-proċeduri preżenti. Din kienet il-kawża *B. vs France* deċiża fil-25 ta' Marzu, 1992 u l-fattispeċi tagħha jixbħu ħafna lil dawk tar-rikors odjern;

Iċ-ċirkostanzi tal-promotriċi ta' dik il-kawża kienu jixbħu lil dawk tar-rikorrenti odjerna; kienet sa minn eta' żgħira bdiet tieħu atteġġjament ta' tfajla għalkemm hija twieldet u ġiet reġistrata bħala tifel; u kellha wkoll diffikulta` biex tadatta ruħha fil-klassijet ta' l-iskola li dak iż-żmien kienu kompletament segregati bejn bniet u subien.

Hija kompliet il-ħajja tagħha bħala ġuvni u saħansitra għamlet ukoll il-lieva militari ġewwa l-Alġerija bħal kull ġuvni ieħor għalkemm kienet turi tendenzi omosesswali ċari. Wara li spiċċat il-lieva għamlet ukoll ħames snin tgħallem ġewwa l-Alġerija u mbagħad marret taħdem fuq il-palk ġewwa Pariġi. Kienet ilha hemmhekk madwar erba' snin meta bdiet tbagħti minn attakk nervuż bħala riżultat tad-diffikultajiet li kienet tiltaqa' magħhom minħabba l-fatt li kellha karatteristiċi femminili waqt li hija kienet għadha raġel; it-tabib li kien jikkuraha sa minn meta kienet marret Pariġi, beda jagħtiha trattament bl-ormoni u fil-fatt malajr żviluppat ukoll sider u apparenza femminili u bdiet tilbes ta' mara. Wara xi disa' snin ta' din il-kura ormonali hija ssottomettiet ruħha għall-operazzjoni kirurġika fejn inbidlulha l-apparenzi ta' l-organu ġenitali tagħha; hija lmentat illi ma setgħetx issib ebda mpieg minħabba r-reazzjonijiet ostili illi din id-diskrepanza bejn l-apparenza ovvja tagħha u r-reġistrazzjoni legali kienet qed iġġibilha;

Hija sostniet illi n-nuqqas tal-Istat Franċiż li ma kienx jippermettilha tottjeni it-tibdil meħtieġ fl-indikazzjonijiet fir-Reġistru tal-Istat Ċivili kien qiegħed iġiegħla tagħti ħafna dettalji personali lil terzi persuni li jibbażaw ruħhom fuq l-imsemmi ċertifikat uffiċjali;

Illi hija ikkontendiet li dan in-nuqqas kien jammonta għall-vjolazzjoni tad-dritt sanċit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Miss B talbet ukoll illi l-Qorti ma toqgħodx fuq il-ġurisprudenza allura viġenti senjatament fil-kawżi ta' Rees u Cossey u dan mhux biss għax kien hemm differenza bejn il-liġi Ingliża u dik Franċiża imma wkoll peress illi t-talba tagħha kienet ibbażata fuq elementi xjentifiċi, legali u soċjali ġodda; għamlet referenza għal tibdil radikali fl-idejat soċjali li kien qed iseħħ f'ħafna pajjiżi

Ewropej b'ħeffa kbira; dwar it-tibdiliet xjentifiċi allegati hija ssottomettiet: "*according to the applicant, science appears to have contributed two new elements to the debate on the contrast between appearance (changes in somatic sex and constructed gonadal sex) and reality (unchanged chromosomal sex but contrary psychosocial sex) as regards the sex of transsexuals. Firstly, the chromosomal criterion was not infallible (cases of persons with iter-abdominal testicles, so-called testicular feminisation, or with XY chromosomes despite their feminine appearances); secondly, current research suggested that the ingestion of certain substances at a given stage of pregnancy, or during the first few days of life, determined transsexual behaviour, and that transexualism might result from a chromosome anomaly. There might thus be a physical, not merely psychological explanation of the phenomenon, which would meant that there could be no excuse for refusing to take it into account in law*";

Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti Ewropeja qablet li kien hemm tibdil sostanzjali fl-attitudini għall-problema, u illi kien hemm progress kbir fix-xjenza u ukoll illi l-problema tat-transesswaliżmu kienet dejjem qed tingħata iktar importanza; sostniet pero` illi kien għad fadal ċerta inċertezza fuq in-natura essenzjali ta' dan il-fenomenu u li hemm ukoll xi dubbji dwar il-legalita` ta' operazzjonijiet simili;

Illi l-Qorti Ewropeja tat ukoll importanza lill-volonta` u determinazzjoni sħiħa ta' Miss B li wassluh biex tieħu l-passi kollha neċessarji saħansitra sa' l-operazzjoni definittiva ħalli tbiddel l-apparenza fiżika tagħha darba għal dejjem, din il-volonta` qawwija tagħha kellha wkoll tittieħed in konsiderazzjoni fl-eżami ta' l-elementi rikjesti biex jiġi stabbilit jekk hemmx vjolazzjoni tad-

drittijiet imħarsa mill-imsemmi artikolu 8 tal-Konvenzjoni; anke l-fatt illi isimha ma setax jiġi ndikat b'isem femminili imma kellha tibqa' bl-isem tagħha oriġinali ta' tifel, kien ukoll relevanti għall-eżami ta' l-istess artikolu; il-Qorti Ewropeja ikkonkludiet illi l-inkonvenjenzi li kienet qed tbati Miss B kienu ta' grad serju biżżejjed biex jiġu konsiderati rilevanti għall-fini ta' l-imsemmi artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Il-Qorti Ewropeja għalkemm ma riditx titlaq għal kollox mill-prinċipji stabbiliti fil-kawżi preċedenti, qablet illi "*she finds herself daily in a situation which, taken as a whole, is not compatible with the respect due to her private life*". U għalhekk is-sitwazzjoni tagħha kienet tmur in vjolazzjoni ta' l-imsemmi artikolu tal-konvenzjoni;

Illi din il-Qorti wara li eżaminat il-fatti kollha ta' din il-kawża, tifhem illi anke r-rikorrenti uriet determinazzjoni qawwija għall-pass li hija għamlet u din id-determinazzjoni għandha tingħata l-importanza tagħha; tifhem ukoll id-diffikultajiet kbar li r-rikorrenti qiegħda tiffaċċja ruħha bihom minħabba illi, waqt li hija għandha l-apparenza femminili u hija magħrufa minn kulħadd bl-isem Roxanne, hija jkollha bilfors tindika l-isem uffiċjali tagħha f'kull dokumentazzjoni formali bħala Lawrence. Il-Qorti tat ukoll l-importanza xierqa lill-fatt ġa msemmi li din il-posizzjoni ir-rikorrenti ma waslitx għaliha kapriċċożament imma biss bħala riżultat ta' sitwazzjoni fiżika u psikoloġika li mmanifestat ruħha sa mill-ewwel snin ta' ħajjitha;

Illi kif ingħad fil-każ ta' Miss B "*she finds herself daily in a situation which, taken as a whole, is not compatible with the respect due to her private life*". Il-bosta provi mressqa quddiem il-Qorti dwar diversi ċirkostanzi li fihom ir-rikorrenti ċertament trid issib

ruħha fil-ħajja normali tagħha, jikkonvinċu lil din il-Qorti illi anke r-rikorrenti qed issofri inkonvenjenzi ta' tali gravita` illi wieħed irid jikkonsidrahom bħal illi jintralċjaw d-dritt "*to respect for his private and family life*" kif kontemplat fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Illi r-rikorrenti ikkontendiet ukoll li hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni; il-Qorti taqbel ma' l-opposizzjoni ta' l-intimati dwar dan il-punt peress illi l-kliem ta' dan l-artikolu jikkontempla biss "*the search of his person or his property or the entry by others of his property*"; il-lanjanzi indikati mir-rikorrenti ma jikkostitwux ebda interferenza fid-drittijiet tar-rikorrenti lil huma salvagwardati bl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti eżaminat l-artikoli 253 u 257 tal-Kodiċi Ċivili; dawn l-artikoli jipprospettaw il-possibilta` illi din il-Qorti jew il-Qorti ta' Reviżjoni Notarili tordna illi jsiru korrezzjonijiet jew kanċellamenti fir-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku;

Id-disposizzjonijiet ta' dawn l-artikoli jikkontemplaw każi fejn jista' jintalab il-bdil jew korrezzjoni; dawn fihom infushom ma jistgħux jikkostitwixxu ebda vjolazzjoni. Fil-każ ta' l-artikolu 257 dan jippresupponi "*the correction of a registration consisting in the rectification of the erroneous indications of any one or more of the particulars specified*". Ir-rikorrenti ma tippretendiex li fiċ-Ċeritifkat tat-Twelid tagħha kien hemm xi ndikazzjonijiet żbaljati, iżda trid li jsir tibdil fiċ-ċertifikat minħabba ċirkostanzi li ġraw tul il-ħajja tagħha;

Illi għalhekk ma jirriżultawx li fl-artikoli msemmija jew fiċ-ċaħda deċiża mill-Qorti ta' Reviżjoni Notarili hemm xi nuqqas li jivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti; iżda rriżulta li dawn id-drittijiet

ġew leżi peress illi ma hemmx disposizzjoni speċifika li tawtorizza il-ħruġ ta' ċertifikati li jindikaw lir-rikorrenti, in vista taċ-ċirkostanzi partikolari fuq esposti, bħala persuna li tista' tiġi konsiderata ta' sess femminili u li jisimha Roxanne, ħalli bis-saħħa ta' dawn id-dettalji fiċ-ċertifikati opportuni jiġu mneħħija s-sofferenzi li l-artikolu 8 tal-Kostituzzjoni Ewropeja irid jevita;

Il-Qorti tifhem illi dak li jkun ġara tul il-ħajja ta' individwu u li jista' jinfluwenza sostanzjalment id-dettalji kontemplati f'ċertifikat uffiċjali bħal dak tat-twelid għandhom filwaqt li jinżammu d-dettalji fiċ-ċertifikat oriġinali, jitniżżlu f'nota marġinali ta' l-istess ċertifikati; veru li skond il-liġi tagħna kulħadd għandu dritt jitlob kopja sħiħa taċ-ċertifikat tat-twelid ta' kwalsiasi individwu; dan jista' ukoll ikun ta' preġudizzju oltre imbarazz għall-persuna konċernata u jista' jkun hemm ċerti dettalji li m'għandhomx ikunu aċċessibbli għall-pubbliku kollu;

Il-Qorti tirrileva illi tip ta' segretezza ġie sanċit bil-leġislazzjoni relattiva għaċ-ċertifikat ta' persuni adottati u tifhem illi għandha tiġi konsiderata l-possibilita' illi tiġi ntrodotta anke fil-każ ta' ċertifikati oħra, sistema simili bħal dak Franċiż, fis-sens illi ċ-ċertifikati sħaħ ikunu aċċessibbli biss għall-persuni direttament konċernati u l-awtoritajiet, waqt illi l-pubbliku in ġenerali jkun jista' jottjeni biss estratt li jindika l-posizzjoni attwali ta' l-indivdwu. Annotazzjoni simili fiċ-ċertifikat tat-twelid ma tfissirx illi qed issir xi korrezzjoni meħtieġa wara xi żball li kien sar meta ġie redatt l-istess ċertifikat, imma għandu jservi biex l-istess dokument jiġi aġġornat b'mod li jirrifletti korrettement l-posizzjoni attwali ta' l-individwu konċernat;

Illi kif stabbilit fis-sentenza konfermatorja fl-ismijiet **Zammit**

**Pace *vs* Direttur tar-Reġistru Pubbliku** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1994 ma hemm xejn li jimpedixxi lil-*Qorti milli tordna li jsir xi forma ta' annotament fil-każ li dan* ikun jidher opportun;

Illi l-Qorti tifhem illi r-rikorrenti ma tibqax issofri mill-vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jekk issir annotazzjoni fil-marġini taċ-ċertiifkat tat-twelid tagħha fis-sens li in forza ta' din is-sentenza kull estratt taċ-ċertifikat tat-twelid rilaxxat mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jindika isem ir-rikorrenti bħala Roxanne minflok Lawrence u fil-kolonna fejn tindika is-sess dan għandu jitniżżel "maskili" flok "femminili";

*Għal dawn il-motivi* l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li l-fatt li bħala riżultat taċ-ċertifikat tat-twelid li hija intitolata għalih skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet viġenti, hija għandha tidher bħala li jisimha Lawrence u li hi tas-sess maskili mentri irriżulta li hi tissejjaħ Roxanne u għandha l-apparenza tas-sess femminili, qed jikkaġunalha diffikultajiet u frustrazzjonijiet li l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporati fl-ordinament ġuridiku tagħna bl-Att ta' l-1987) irid li ma jiġux inflitti fuq ebda ċittadin; Tordna għalhekk lill-intimat Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku li fil-marġini taċ-ċertifikat tat-*twelid tar-rikorrenti issir riferenza* għal din id-deċiżjoni u li f'kull kopja ta' estratt minn dan iċ-ċertifikat minnu rilaxxat, kull fejn hemm l-isem Lawrence jiġi sostitwit bl-isem Roxanne u minflok il-kelma "*boy*" fil-kolonna li tindika is-sess, titniżżel il-kelma "*female*";

L-isepjjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa;"

(a) L-intimati appellaw għaliex (a) fil-każ imsemmi fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem - infra imsemmija bis-sigla Q E D B - ma bidlitx il-posizzjoni ġa akkwiżita f'sentenzi preċedenti. Il-Q E D B iddistingwiet bejn il-posizzjoni legali fl-Ingilterra u fi Franza, u l-Prim'Awla kellha issegwi l-konsegwenza loġika ta' dik id-differenza; (b) s-sentenza appellata ddeċidiet *ultra petita*, anke kontradittorjament, għaliex l-ewwel irriteniet illi l-artikolu 253 Kap. 16, ma jivvjola ebda dritt fundamentali imma wara, xorta iddeċidiet li "nuqqas ta' provvediment adegwat" jivvjola dawk id-drittijiet;

(b) Ir-rikorrenti, f'appell inċidentali, issottomettiet illi hija sofriet vjolazzjoni ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni għaliex m'hemmx sens li tgħid li l-Kostituzzjoni tipproteġik minn tfitttxija fil-proprjeta' imma ma tipproteġikx minn interferenza fil-ħajja privata tiegħek;

Huwa utli li dejjem jiġu riportati l-artikoli kostituzzjonali jew/ u konvenzjonali li jkunu qegħdin jiġu nvokati:

(a) Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jgħid:

"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjeta' tiegħu għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu";

It-titolu fil-marġini ta' dan l-artikolu jgħid:

"Protezzjoni għall-intimita' tad-dar jew proprjeta' oħra";

Pero' l-kelma "intimita'" ma testendix l-artikolu b'mod li

jfisser illi qed tiġi protetta l'hekk imsejjaħ "dritt ta' privatezza" fil-ħajja ta' l-indivdwu. Dan id-dritt jidher li ma ġiex inkluż fil-lista tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-Kostituzzjoni u għalhekk din il-Qorti ma tistax testendih biex ikopri dak li issa huwa kopert mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

(b) Fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, infatti l-posizzjoni hija differenti:

"*Artikolu 8:*

*1. Everyone has the right for his private and family life, his home and his correspondence;*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of natural security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedom of others*";

Barra min dawn, huwa rilevanti l-artikolu 253 Kap. 16:

"152. (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta'att illi d-Direttur, bil-kunsens ta' wieħed mill-viżitaturi ta' l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jirċevi.

(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema

jkunu ddikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li fihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa.

(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattivi tagħhom.

(4) Kull talba għandha ssir fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew, skond il-każ, fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, b'ċitazzjoni kontra d-Direttur";

Ir-rikorrenti hija waħda minn dawk il-persuni li matul ħajjithom jissubixxu tibdil psikoloġiku u fisjoloġiku tali li, dan it-tibdil joħolqilhom diffikultajiet mhux żgħar;

Din hija l-ewwel kawża quddiem din il-Qorti li ġiet impostata fuq it-termini ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni minħabba bidla fl-appartenenza f'waħda mill-kategoriji bażati fuq is-sess tal-persuna. Il-Qorti Ewropeja - (Q E D B) sa issa, ippronunzjat tlett sentenzi fuq din il-problematika. Dawn huma - Rees Case ta' l-24 ta' Jannar, 1986 (Vol. 106), Cossey Case tas-27 ta' Settembru, 1990 (Vol. 184) u B vs. France tal-25 ta' Marzu, 1992 (Vol. 232.C);

Id-diffikulta u l-komplessita' tal-kwistjoni jirriżultaw mill-

ewwel mill-konstatazzjoni illi fiż-żmien qasir ta' sitt snin, l-istess Qorti, fl-aħħar sentenza, ma segwietx il-ġudizzji preċedenti tagħha stess. Barra minn dan, pero`, dak li huwa forsi aktar impressjonanti, huma l-argumenti tad-diversi mħallfin li, f'dawn il-każijiet, ma qablux mal-maġġoranza ta' l-imħallfin li waslu għas-sentenzi u esprimew opinjonijiet dissenzjenti, li huma verament ta' piż. U dan barra l-argumenti ta' l-istess maġġoranza li m'humiex tant konvenjenti kif ġeneralment ikunu f'każijiet oħra;

Intant, waħda mill-preokupazzjonijiet preliminari li tirriżulta minn dawn il-każijiet hija l-ħtieġa tal-ġenwinita` tar-rikorrent. Kien ikun wisq aħjar kieku ngħatat importanza, jew saret insistenza mill-intimati, fuq l-aħħar eċċezzjoni tagħhom, jiġifieri li r-rikorrenti qabel xejn missha rrikorriet għar-rimedji maħsuba fl-artikolu 253 Kap. 16, fejn allura kien ikun hemm l-opportunita` li qabel ma tippronunzja ruħha din il-Qorti, jiġu eżaminati dak li jifhmu li hija l-liġi ordinarja kemm l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Din l-importanza ma ġietx apprezzata, dik l-insistenza (li jidher li kienet meħtieġa) ma saritx fis-sentenza appellata, u finalment, l-intimati lanqas appellaw min dik l-ommissjoni;

Dan huwa lament partikolarment importanti, f'dan il-każ, għaliex, kif jidher ampjament mill-eżami tas-sentenzi tal-Q E D B (li kopji tagħhom, sfortunatament ġew imdaħħla fl-inkartament biex jirrendu l-istess faxxikolu tal-kawża dejjem aktar immaneġġabbli) huma ta' vitali importanza dawk il-miżuri legali - amministrattivi li kull Stat juża biex jiskeda b'xi mod jew ieħor, iċ-ċittadini tiegħu, mindu jitwieldu sakemm imutu;

Fuq kollox imbagħad, huma dawn il-miżuri legali u

Hija kompliet il-ħajja tagħha bħala ġuvni u saħansitra għamlet ukoll il-lieva militari ġewwa l-Alġerija bħal kull ġuvni ieħor għalkemm kienet turi tendenzi omosesswali ċari. Wara li spiċċat il-lieva għamlet ukoll ħames snin tgħallem ġewwa l-Alġerija u *mbagħad marret taħdem fuq il-palk ġewwa Pariġi. Kienet ilha* hemmhekk madwar erba' snin meta bdiet tbagħti minn attakk nervuż bħala riżultat tad-diffikultajiet li kienet tiltaqa' magħhom minħabba l-fatt li kellha karatteristiċi femminili waqt li hija kienet għadha raġel; it-tabib li kien jikkuraha sa minn meta kienet marret Pariġi, beda jagħtiha trattament bl-ormoni u fil-fatt malajr żviluppat ukoll sider u apparenza femminili u bdiet tilbes ta' mara. Wara xi disa' snin ta' din il-kura ormonali hija ssottomettiet ruħha għall-operazzjoni kirurġika fejn inbidlulha l-apparenzi ta' l-organu ġenitali tagħha; hija lmentat illi ma setgħetx issib ebda mpieg minħabba r-reazzjonijiet ostili illi din id-diskrepanza bejn l-apparenza ovvja *tagħha u r-reġistrazzjoni legali kienet qed iġġibilha;*

Hija sostniet illi n-nuqqas tal-Istat Franċiż li ma kienx jippermettilha tottjeni it-tibdil meħtieġ fl-indikazzjonijiet fir-Reġistru tal-Istat Ċivili kien qiegħed iġiegħla tagħti ħafna dettalji personali lil terzi persuni li jibbażaw ruħhom fuq l-imsemmi ċertifikat uffiċjali;

Illi hija ikkontendiet li dan in-nuqqas kien jammonta għall-vjolazzjoni tad-dritt sanċit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Miss B talbet ukoll illi l-Qorti ma toqgħodx fuq il-*ġurisprudenza allura viġenti senjatament fil-kawżi ta'* Rees u Cossey u dan mhux biss għax kien hemm differenza bejn il-liġi Ingliża u dik Franċiża imma wkoll peress illi t-talba tagħha kienet ibbażata fuq elementi xjentifiċi, legali u soċjali ġodda; għamlet referenza għal tibdil radikali fl-idejat soċjali li kien qed iseħħ f'ħafna pajjiżi

Ewropej b'ħeffa kbira; dwar it-tibdiliet xjentifiċi allegati hija ssottomettiet: "*according to the applicant, science appears to have contributed two new elements to the debate on the contrast between appearance (changes in somatic sex and constructed gonadal sex) and reality (unchanged chromosomal sex but contrary psychosocial sex) as regards the sex of transsexuals. Firstly, the chromosomal criterion was not infallible (cases of persons with iter-abdominal testicles, so-called testicular feminisation, or with XY chromosomes despite their feminine appearances); secondly, current research suggested that the ingestion of certain substances at a given stage of pregnancy, or during the first few days of life, determined transsexual behaviour, and that transexualism might result from a chromosome anomaly. There might thus be a physical, not merely psychological explanation of the phenomenon, which would meant that there could be no excuse for refusing to take it into account in law*";

Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti Ewropeja qablet li kien hemm tibdil sostanzjali fl-attitudini għall-problema, u illi kien hemm progress kbir fix-xjenza u ukoll illi l-problema tat-transesswaliżmu kienet dejjem qed tingħata iktar importanza; sostniet pero` illi kien għad fadal ċerta inċertezza fuq in-natura essenzjali ta' dan il-fenomenu u li hemm ukoll xi dubbji dwar il-legalita` ta' operazzjonijiet simili;

Illi l-Qorti Ewropeja tat ukoll importanza lill-volonta` u determinazzjoni sħiħa ta' Miss B li wassluh biex tieħu l-passi kollha neċessarji saħansitra sa' l-operazzjoni definittiva ħalli tbiddel l-apparenza fiżika tagħha darba għal dejjem, din il-volonta` qawwija tagħha kellha wkoll tittieħed in konsiderazzjoni fl-eżami ta' l-elementi rikjesti biex jiġi stabbilit jekk hemmx vjolazzjoni tad-

drittijiet imħarsa mill-imsemmi artikolu 8 tal-Konvenzjoni; anke l-fatt illi isimha ma setax jiġi ndikat b'isem femminili imma kellha tibqa' bl-isem tagħha oriġinali ta' tifel, kien ukoll relevanti għall-eżami ta' l-istess artikolu; il-Qorti Ewropeja ikkonkludiet illi l-inkonvenjenzi li kienet qed tbati Miss B kienu ta' grad serju biżżejjed biex jiġu konsiderati rilevanti għall-fini ta' l-imsemmi artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Il-Qorti Ewropeja għalkemm ma riditx titlaq għal kollox mill-prinċipji stabbiliti fil-kawżi preċedenti, qablet illi "*she finds herself daily in a situation which, taken as a whole, is not compatible with the respect due to her private life*". U għalhekk is-sitwazzjoni tagħha kienet tmur in vjolazzjoni ta' l-imsemmi artikolu tal-konvenzjoni;

Illi din il-Qorti wara li eżaminat il-fatti kollha ta' din il-kawża, tifhem illi anke r-rikorrenti uriet determinazzjoni qawwija għall-pass li hija għamlet u din id-determinazzjoni għandha tingħata l-importanza tagħha; tifhem ukoll id-diffikultajiet kbar li r-rikorrenti *qiegħda tiffaċċja ruħha bihom minħabba illi, waqt li hija għandha* l-apparenza femminili u hija magħrufa minn kulħadd bl-isem Roxanne, hija jkollha bilfors tindika l-isem uffiċjali tagħha f'kull dokumentazzjoni formali bħala Lawrence. Il-Qorti tat ukoll l-importanza xierqa lill-fatt ġa msemmi li din il-posizzjoni ir-rikorrenti ma waslitx għaliha kapriċċożament imma biss bħala riżultat ta' sitwazzjoni fiżika u psikoloġika li mmanifestat ruħha sa mill-ewwel snin ta' ħajjitha;

Illi kif ingħad fil-każ ta' Miss B "*she finds herself daily in a situation which, taken as a whole, is not compatible with the respect due to her private life*". Il-bosta provi mressqa quddiem il-Qorti dwar diversi ċirkostanzi li fihom ir-rikorrenti ċertament trid issib

ruħha fil-ħajja normali tagħha, jikkonvinċu lil din il-Qorti illi anke r-rikorrenti qed issofri inkonvenjenzi ta' tali gravita` illi wieħed irid jikkonsidrahom bħal illi jintralċjaw d-dritt "*to respect for his private and family life*" kif kontemplat fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Illi r-rikorrenti ikkontendiet ukoll li hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni; il-Qorti taqbel ma' l-opposizzjoni ta' l-intimati dwar dan il-punt peress illi l-kliem ta' dan l-artikolu jikkontempla biss "*the search of his person or his property or the entry by others of his property*"; il-lanjanzi indikati mir-rikorrenti ma jikkostitwux ebda interferenza fid-drittijiet tar-rikorrenti lil huma salvagwardati bl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti eżaminat l-artikoli 253 u 257 tal-Kodiċi Ċivili; dawn l-artikoli jipprospettaw il-possibilta` illi din il-Qorti jew il-Qorti ta' Reviżjoni Notarili tordna illi jsiru korrezzjonijiet jew kanċellamenti fir-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku;

Id-disposizzjonijiet ta' dawn l-artikoli jikkontemplaw każi fejn jista' jintalab il-bdil jew korrezzjoni; dawn fihom infushom ma jistgħux jikkostitwixxu ebda vjolazzjoni. Fil-każ ta' l-artikolu 257 dan jippresupponi "*the correction of a registration consisting in the rectification of the erroneous indications of any one or more of the particulars specified*". Ir-rikorrenti ma tippretendiex li fiċ-Ċeritifkat tat-Twelid tagħha kien hemm xi ndikazzjonijiet żbaljati, iżda trid li jsir tibdil fiċ-ċertifikat minħabba ċirkostanzi li ġraw tul il-ħajja tagħha;

Illi għalhekk ma jirriżultawx li fl-artikoli msemmija jew fiċ-ċaħda deċiża mill-Qorti ta' Reviżjoni Notarili hemm xi nuqqas li jivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti; iżda rriżulta li dawn id-drittijiet

ġew leżi peress illi ma hemmx disposizzjoni speċifika li tawtorizza il-ħruġ ta' ċertifikati li jindikaw lir-rikorrenti, in vista taċ-ċirkostanzi partikolari fuq esposti, bħala persuna li tista' tiġi konsiderata ta' sess femminili u li jisimha Roxanne, ħalli bis-saħħa ta' dawn id-dettalji fiċ-ċertifikati opportuni jiġu mneħħija s-sofferenzi li l-artikolu 8 tal-Kostituzzjoni Ewropeja irid jevita;

Il-Qorti tifhem illi dak li jkun ġara tul il-ħajja ta' individwu u li jista' jinfluwenza sostanzjalment id-dettalji kontemplati f'ċertifikat uffiċjali bħal dak tat-twelid għandhom filwaqt li jinżammu d-dettalji fiċ-ċertifikat oriġinali, jitniżżlu f'nota marġinali ta' l-istess ċertifikati; veru li skond il-liġi tagħna kulħadd għandu dritt jitlob kopja sħiħa taċ-ċertifikat tat-twelid ta' kwalsiasi individwu; dan jista' ukoll ikun ta' preġudizzju oltre imbarazz għall-persuna konċernata u jista' jkun hemm ċerti dettalji li m'għandhomx ikunu aċċessibbli għall-pubbliku kollu;

Il-Qorti tirrileva illi tip ta' segretezza ġie sanċit bil-leġislazzjoni relattiva għaċ-ċertifikat ta' persuni adottati u tifhem illi għandha tiġi konsiderata l-possibilita' illi tiġi ntrodotta anke fil-każ ta' ċertifikati oħra, sistema simili bħal dak Franċiż, fis-sens illi ċ-ċertifikati sħaħ ikunu aċċessibbli biss għall-persuni direttament konċernati u l-awtoritajiet, waqt illi l-pubbliku in ġenerali jkun jista' jottjeni biss estratt li jindika l-posizzjoni attwali ta' l-indivdwu. Annotazzjoni simili fiċ-ċertifikat tat-twelid ma tfissirx illi qed issir xi korrezzjoni meħtieġa wara xi żball li kien sar meta ġie redatt l-istess ċertifikat, imma għandu jservi biex l-istess dokument jiġi aġġornat b'mod li jirrifletti korrettement l-posizzjoni attwali ta' l-individwu konċernat;

Illi kif stabbilit fis-sentenza konfermatorja fl-ismijiet **Zammit**

**Pace *vs* Direttur tar-Reġistru Pubbliku** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu, 1994 ma hemm xejn li jimpedixxi lil-Qorti milli tordna *li* jsir xi forma ta' annotament *fil-każ li* dan ikun jidher opportun;

Illi l-Qorti tifhem illi r-rikorrenti ma tibqax issofri mill-vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jekk issir annotazzjoni fil-marġini taċ-ċertiifkat tat-twelid tagħha fis-sens li in forza ta' din is-sentenza kull estratt taċ-ċertifikat tat-twelid rilaxxat mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jindika isem ir-rikorrenti bħala Roxanne minflok Lawrence u fil-kolonna fejn tindika is-sess dan għandu jitniżżel "maskili" flok "femminili";

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqa'* t-talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li l-fatt li bħala riżultat taċ-ċertifikat tat-twelid li hija intitolata għalih skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet viġenti, hija għandha tidher bħala li jisimha Lawrence u li hi tas-sess maskili mentri irriżulta li hi tissejjah Roxanne u għandha l-apparenza tas-sess femminili, qed jikkaġunalha diffikultajiet u frustrazzjonijiet li l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporati fl-ordinament ġuridiku tagħna bl-Att ta' l-1987) irid li ma jiġux inflitti fuq ebda ċittadin; Tordna għalhekk lill-intimat Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku li fil-marġini taċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti issir *riferenza għal din id-deċiżjoni u li f'kull* kopja ta' estratt minn dan iċ-ċertifikat minnu rilaxxat, kull fejn hemm l-isem Lawrence jiġi sostitwit bl-isem Roxanne u minflok il-kelma "*boy*" fil-kolonna li tindika is-sess, titniżżel il-kelma "*female*";

L-isepjjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa;"

(a) L-intimati appellaw għaliex (a) fil-każ imsemmi fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem - infra imsemmija bis-sigla Q E D B - ma bidlitx il-posizzjoni ġa akkwiżita f'sentenzi preċedenti. Il-Q E D B iddistingwiet bejn il-posizzjoni legali fl-Ingilterra u fi Franza, u l-Prim'Awla kellha issegwi l-konsegwenza loġika ta' dik id-differenza; (b) s-sentenza appellata ddeċidiet *ultra petita*, anke kontradittorjament, għaliex l-ewwel irriteniet illi l-artikolu 253 Kap. 16, ma jivvjola ebda dritt fundamentali imma wara, xorta iddeċidiet li "nuqqas ta' provvediment adegwat" jivvjola dawk id-drittijiet;

(b) Ir-rikorrenti, f'appell inċidentali, issottomettiet illi hija sofriet vjolazzjoni ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni għaliex m'hemmx sens li tgħid li l-Kostituzzjoni tipproteġik minn tfitttxija fil-proprjeta` imma ma tipproteġikx minn interferenza fil-ħajja privata tiegħek;

Huwa utli li dejjem jiġu riportati l-artikoli kostituzzjonali jew/ u konvenzjonali li jkunu qegħdin jiġu nvokati:

(a) Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jgħid:

"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjeta` tiegħu għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu";

It-titolu fil-marġini ta' dan l-artikolu jgħid:

"Protezzjoni għall-intimita` tad-dar jew proprjeta` oħra";

Pero` l-kelma "intimita`" ma testendix l-artikolu b'mod li

jfisser illi qed tiġi protetta l'hekk imsejjaħ "dritt ta' privatezza" fil-ħajja ta' l-individwu. Dan id-dritt jidher li ma ġiex inkluż fil-lista tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-Kostituzzjoni u għalhekk din il-Qorti ma tistax testendih biex ikopri dak li issa huwa kopert mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

(b) Fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, infatti l-posizzjoni hija differenti:

"*Artikolu 8:*

*1. Everyone has the right for his private and family life, his home and his correspondence;*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of natural security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedom of others*";

Barra min dawn, huwa rilevanti l-artikolu 253 Kap. 16:

"152. (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta'att illi d-Direttur, bil-kunsens ta' wieħed mill-viżitaturi ta' l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jirċevi.

(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema

jkunu ddikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li fihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa.

(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattivi tagħhom.

(4) Kull talba għandha ssir fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew, skond il-każ, fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, b'ċitazzjoni kontra d-Direttur";

Ir-rikorrenti hija waħda minn dawk il-persuni li matul ħajjithom jissubixxu tibdil psikoloġiku u fisjoloġiku tali li, dan it-tibdil joħolqilhom diffikultajiet mhux żgħar;

Din hija l-ewwel kawża quddiem din il-Qorti li ġiet impostata fuq it-termini ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni minħabba bidla fl-appartenenza f'waħda mill-kategoriji bażati fuq is-sess tal-persuna. Il-Qorti Ewropeja - (Q E D B) sa issa, ippronunzjat tlett sentenzi fuq din il-problematika. Dawn huma - Rees Case ta' l-24 ta' Jannar, 1986 (Vol. 106), Cossey Case tas-27 ta' Settembru, 1990 (Vol. 184) u B vs. France tal-25 ta' Marzu, 1992 (Vol. 232.C);

Id-diffikulta u l-komplessita' tal-kwistjoni jirriżultaw mill-

ewwel mill-konstatazzjoni illi fiż-żmien qasir ta' sitt snin, l-istess Qorti, fl-aħħar sentenza, ma segwietx il-ġudizzji preċedenti tagħha stess. Barra minn dan, pero`, dak li huwa forsi aktar impressjonanti, huma l-argumenti tad-diversi mħallfin li, f'dawn il-każijiet, ma qablux mal-maġġoranza ta' l-imħallfin li waslu għas-sentenzi u esprimew opinjonijiet dissenzjenti, li huma verament ta' piż. U dan barra l-argumenti ta' l-istess maġġoranza li m'humiex tant konvenjenti kif ġeneralment ikunu f'każijiet oħra;

Intant, waħda mill-preokupazzjonijiet preliminari li tirriżulta minn dawn il-każijiet hija l-ħtieġa tal-ġenwinita` tar-rikorrent. Kien ikun wisq aħjar kieku ngħatat importanza, jew saret insistenza mill-intimati, fuq l-aħħar eċċezzjoni tagħhom, jiġifieri li r-rikorrenti qabel xejn missha rrikorriet għar-rimedji maħsuba fl-artikolu 253 Kap. 16, fejn allura kien ikun hemm l-opportunita` li qabel ma tippronunzja ruħha din il-Qorti, jiġu eżaminati dak li jifhmu li hija l-liġi ordinarja kemm l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Din l-importanza ma ġietx apprezzata, dik l-insistenza (li jidher li kienet meħtieġa) ma saritx fis-sentenza appellata, u finalment, l-intimati lanqas appellaw min dik l-ommissjoni;

Dan huwa lament partikolarment importanti, f'dan il-każ, għaliex, kif jidher ampjament mill-eżami tas-sentenzi tal-Q E D B (li kopji tagħhom, sfortunatament ġew imdaħħla fl-inkartament biex jirrendu l-istess faxxikolu tal-kawża dejjem aktar immaneġġabbli) huma ta' vitali importanza dawk il-miżuri legali - amministrattivi li kull Stat juża biex jiskeda b'xi mod jew ieħor, iċ-ċittadini tiegħu, mindu jitwieldu sakemm imutu;

Fuq kollox imbagħad, huma dawn il-miżuri legali u

amministrattivi kif kontemplati u prattikati fis-sistema burokratika - li allegatament ivvjolaw id-dritt fundamentali li qed tillamenta r-rikorrent;

Intant, l-ewwel preokkupazzjoni li tintwera fil-każijiet imsemmija tal-Q E D B hija dik li preferibbilment għandha tissejjah il-ġenwinita` tal-każ tar-rikorrent. Dan il-fattur jikkomprendi l-ħtieġa *illi l-persuna rikorrent ma tkun għamlet xejn li ma tkunx* dettata min-neċessita` naturali u skond il-metodi u mezzi xjentifiċi aċċettati u provveduti fil-post fejn hija tkun domiċiljata jew fejn hija tgawdi nazzjonalita`. Fil-każ imsemmi ta' B vs France, kienu d-dubbji espressi mill-Qrati Franċiżi fuq il-"ġenwinita`" tar-rikorrenti li pprovokaw xi rikors lill-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kostitwita mill-Konvenzjoni;

Is-sentenza appellata aċċettat il-ġenwinita` tar-rikorrenti wara li eżaminat il-provi minnha prodotti, u qalet:

"*.... għalhekk ir-rikorrenti ppruvat* b'mod soddisfaċenti t-teżi tagħha li sakemm hija tibqa reġistrata bħala raġel kienet qiegħda tiltaqa' ma' diffikultajiet tali illi ċertament jistgħu jiġu definiti bħala krudili u anke umiljanti";

Sorvolat dan l-ewwel ostakolu, stabbilit illi r-rikorrenti m'għamlet xejn b'kapriċċ, b'vanita` jew għal xi motiv ieħor li mhux "ġenwin", irid jiġi stabbilit illi dik il-"bidla tas-sess" li avverat ruħha permezz ta' maturazzjoni ta' proċess naturali, kif ukoll bl'assistenza tas-somministrazzjoni ta' sustanzi kimiċi, u b'intervent kirurġiku, dik il-bidla trid tkun, irriversabbli b'mod illi ma jkunx aktar possibbli li dik il-persuna, wara li tkun bidlet is-sess, tkun tista' tirriverti għas-sess oriġinali li tkun bidlet;

Is-sentenza appellata issodisfat ruħha minn dan l-element vitali għall-kwistjoni billi aċċettata dak li hemm f'ittra":

"Illi skond l-ittra tal-kirurgu li opera fuq ir-rikorrenti, wara li spjega l-intervent tiegħu, żied jgħid "*This surgery is, of course, quite irreversible and the patient is now physically female*";

Din l-ittra qegħda a fol. 77 u tider iffirmata mill-kirurgu Michael Royle ta' 32, Westbourne Villas, Hove, Sussex, fl-Ingilterra. Minħabba l-importanza ta' dan il-fattur l-aħjar prova kienet tkun dik tal-perit mediku nominat mill-Qorti, li pero' ma semma xejn fuq daqshekk fir-rapport tiegħu. Din il-Qorti, b'danakollu, fiċ-ċirkostanzi, anke għaliex l-intimati ma oġġezzjonawx, ser taċċetta li r-rikorrent issa hija "fiżikament" ta' sess femminili u li ma tistax "fiżikament" terġa' tibdel dan l-istat;

*Ir-rikorrenti fl-att promotorju tgħid illi:*

".... ċ-ċaħda tal-liġi tagħna li tippermetti tibdil fiċ-ċertifikat rigward indikazzjoni tas-sess tal-persuna f'dawn iċ-ċirkostanzi, kif ukoll iċ-ċaħda tat-talba tal-esponenti fil-każ preżenti, jammontaw għall-vjolazzjoni tad-dritt għall-privatezza sanċit fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ....";

Huwa ċar illi l-pretensjoni tar-rikorrenti, kif formulata, hija li jinbidel iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha sabiex dan ikun juri li meta hija twieldet kienet diġa' - bħala fatt - ta' sess femminili, mentri dan - jikkontrasta - bħala fatt - ma' dak stess li hija qed tipprova fil-kawża, jiġifieri illi hija permezz ta' intervent kirurġiku bidlet is-sess minn wieħed maskili għal wieħed femminili;

Iċ-Ċertifikati tat-Twelid li huma reġistrati fir-Reġistru Pubbliku, għandhom il-funzjoni li, fil-kliem tal-Q E D B, Rees Case, para. 42:

"*.... they record facts of legal significance and are designed to ensure that the register fulfils its purpose of providing an authoritative record for the establishment of family ties in connection with, succession, legitimate descent and the distribution of property*"

u għalhekk, fis-sistema tagħna, f'daqshekk bħal fis-sistema Ingliża, ċertifikati tar-Reġistru Pubbliku jridu dejjem jirrispekkjaw ir-rejalta' tal-fatti kif reġistrati f'data speċifika. Kif tinnota korrettement is-sentenza appellata, iċ-Ċertifkat tat-Twelid jattesta fatt "storiku";

Dak li huwa pretiż mir-rikorrenti m'hijiex korrezzjoni jew tħassir ta' xi element ta' fatt żbaljat fiċ-ċertifikat, billi dawn huma kollha permessi skond il-provvedimenti ta' l-artikoli 253, 254, 255, 256, 257 u 258 tal-Kap. 16, iżda hija bidla ta' element li huwa essenzjalment korrett. Kif tgħid is-sentenza tar-Rees Case:

"*.... no error is accepted to exist in the birth entry of a person who undergoes medical and surgical treatment to enable that person to assume the role of the opposite sex*" (ara. 23);

Għalhekk, ma jidhirx li huwa possibbli li l-korrettezza taċ-ċertifikat tat-twelid jew inkella ċ-ċaħda mis-sistema ġuridika - amministrattiv tagħna, tal-possibilita' li jinbidel ċertifikat li huwa hekk korrett, jistgħu jiġu ritenuti li dawn, jikkostitwixxu xi ksur tad-drittijiet fundamentali, kif qed tippretendi r-rikorrenti - para. 14 supra;

Id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti għalhekk diffiċli li tiġi kondiviża meta:

"tiddikjara li l-fatt li bħala riżultat taċ-ċertifikat tat-twelid li hija intitolata għalih skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet viġenti, hija tidher bħala li jisimha Lawrence u li hi tas-sess maskili mentri rriżulta li hi tissejjah Roxanne u għandha apparenza tas-sess femminili, qed jikkaġunalha diffikultajiet u frustrazzjonijiet li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni .... irid li ma jiġux inflitti fuq ebda ċittadin";

u dan, għaliex:

(a) m'huwiex raġonevolment u ġuridikament possibbli li jiġi ritenut li l-Istat ikkommetta xi vjolazzjoni ta' xi dritt li ħareġ ċertifikat ta' twelid - li jiddeskrivi korrettement l-element fattwali konstatati fil-mument tat-twelid;

(b) m'huwiex possibbli lanqas għal din il-Qorti li tirritjeni li reġistrazzjoni fidila u korretta tat-twelid ta' persuna, m'għandhiex tivvjola l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għaliex dik ir-reġistrazzjoni qed tikkaġuna "diffikultajiet u frustrazzjonijiet" lir-rikorrenti, għaliex dak l-artikolu:

"irid li dawn ma jiġux inflitti fuq ebda ċittadin"

billi *ratio* bħal din ma tidhirx li hija b'xi mod ġustifikata jew li hija verament ġuridika. "Rispett" għal ħajja privata - apparti kull kwistjoni rigward il-kunċett ta' "rispett" - ċertament ma tassikurax li r-rejalta' ma toħloqx diffikultajiet u frustrazzjonijiet liċ-ċittadini;

Dak li fl-aħħar sentenza B vs France waslet biex tgħid il-QEDB (anke jekk diġa' kienet qed timxi fl-istess direzzjoni fil-Cossey Case) huwa li:

"*the respondent State has several means to choose from for remedying this state of affairs. It is not the Court's function to indicate which is the most appropriate*" (para. 63)

L-Istat in kwistjoni kien Franza u l-Qorti deħrilha li waqt li setgħet tgħid dan fil-konfront ta' Franza ma setetx tgħidu fil-konfront ta' l-Ingilterra (fil-każijiet Rees u Cossey) fejn is-sistema m'għandhiex il-flessibilita' li għandha dik Franċiża. Dan ir-raġunament m'huwiex tant konvinċenti għaliex huwa bażat fuq distinzjoni li mhix rilevanti. Dak li kellu jiġi deċiż kien jekk kienx hemm *vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 fl-ordinamenti ġuridiċi ta' l-*Ingilterra u ta' Franza minħabba l-fatt li persuna li tibdel is-sess tiġi rikonoxxuta fil-vesti ġdida tagħha għall-finijiet u effetti kolha tal-liġi; mentri ġie donnu deċiż li m'hemmx vjolazzjoni fl-istruttura Ingliża għaliex din ma toffri ebda flessibbilita' ta' reġistrazzjoni, mentri hemm vjolazzjoni mill-istruttura Franċiża għaliex din hija flessibbli u allura kellha tinsab soluzzjoni rimedjali tal-lament. Mhux ta' b'xejn li din l-aħħar sentenza B. vs France wkoll, anke aktar minn ta' qabilha, mhux biss qasmet il-Qorti imma wkoll ikreat sens ta' insodisfazzjon u inċertezza rimarkevoli, fost il-ġuristi;

Hemm pero', f'dawn it-tlett sentenzi riferenza għal ċerti prinċipji, li għalkemm ma ġewx, purtroppo, żviluppati kif imiss u argumentati konsistentement kif kien jeħtieġ, din il-Qorti jidhrilha li għandhom jiġu serjament konsidrati:

"*.... (although) the notion of "<u>respect</u>" is not clear-cut,*

*especially as far as the positive obligations inherent in that concept are concerned; having regard to the diversity of the practices followed and the situations obtaining in the Contracting States, the notion's requirements will vary considerably from case to case. In determining whether or not a positive obligation exists, regard must be had to the fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interests of the individual, the search for which balance is inherent in the whole of the Convention"* (Cossey Case para. 37);

Fis-sentenza appellata din id-dwalita' tal-problema - l-interess ġenerali u l-interess tar-rikorrenti - ma ġietx verament investita. U għal din il-Qorti din hija verament l-unika diffikulta' fil-kwistjoni kollha, għaliex altrimenti, kieku mhux għal dan l-"interess" komunitarju, l-Istat ma kienx ikun b'ebda mod intitolat li jindaħal fi kwistjoni bħal din. Il-kontrolli statali, li dejjem qegħdin iżidu imposizzjonijiet għall-"identifikazzjoni" taċ-ċittadin, bħal per eżempju l-Att dwar il-Karti ta' Identita'" ta' l-1976 - Kap. 258 - inevitabbilment dejjem qegħdin iċekknu l-arja tal-"privat" ta' l-individwu. Dawn huma kollha bażati fuq il-klassifika dualistika ta' l-eżistenza umana bażata fuq is-sess - maskili/femminili. Hija din ir-realta' li toħloq ċerti problemi meta l-istess realta' tinbidel u tispiċċa dik l-istatiċita li hija preżunta fil-maġġoranza kbira taċ-ċittadini "debitament skedati";

L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni sar parti mil-ligijiet ta' Malta fl-1987. Il-konklużjoni li se ssegwi tipprova tasal għal dak il-bilanċ bejn l-interessi diversi imsemmija, kif sal-lum jistgħu jiġu konkordati, biex kemm jista' jkun, il-vot ta' dan l-artikolu jiġi implimentat billi jiġi akkordat kull rispett għad-drittijiet tal-individwu kompatibbilment mar-rispett għad-drittijiet tal-membri l-oħra tal

komunita` li fiha huwa jgħix;

Għalkemm din il-Qorti ma tistax issib illi kien hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif kontemplati fl-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni - u f'dan is-sens is-sentenza appellata hija revokata - b'dan kollu din il-Qorti tħossha intitolata li għandha tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent iżżid, a tergo ta' l-istess, dikjarazzjoni fis-sens illi mil-10 ta' Novembru, 1990 minħabba intervent kirurġiku, l-imsemmi Lawrence Cassar, akkwista sess femminili u għalhekk hija magħrufa bħala Roxanne Cassar;

Din hija d-deċiżjoni ta' din il-Qorti li biha qed tiddisponi miż-żewġ appelli tal-kontendenti;

Finalment, il-Qorti tinċita lill-intimati biex issa li din il-problematika saru jafu biha ġudizzjarjament, jagħmlu dak li hemm bżonn u pożittivament ifittxu soluzzjonijiet adegwati biex jassikuraw ir-"rispett" ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni kompattibbilment ma' dak il-bilanċ ġust u raġonevoli bejn l-interess ġenerali u l-interess individwali ta' dawk li jkollhom jissubixxu l-bidliet tan-natura. Din il-Qorti ma tistax, kjarament, tagħmlu hi, għaliex jinvolvi, fl-ewwel lok, intervent leġislattiv;

L-ispejjeż huma regolati hekk - ir-rikorrenti tħallas biss id-drittijiet ta' l-avukat tagħha, waqt li l-ispejjeż l-oħra kollha jħallsuhom l-intimati.